# Jum ta’ Abbandun u Fiduċja

Jien raġel ta’ 37 sena, miżżewweġ u għandi tifel ta’ sentejn. Nattendi grupp ta’ talb ieħor, iżda regolarment mort għal-laqgħat tal-MIR għal dawn l-aħħar sitt xhur.

Kull darba li mort il-MIR kelli esperjenza spiritwali tajba, iżda l-Mulej irriżervali grazzja personali eċċezzjonali għal-laqgħa ta’ Diċembru 13, 2006 fil-parroċċa ta’ San Bastjan.

Qabel ma tlajt għat-tqarbin leħen ġewwieni qalli biex nitlob mill-qalb il-Fiat ta’ Ommna tas-Sema Marija: “Hawn jien il-qaddejja tal-Mulej; ħa jsir minni skond kelmtek”. Hekk għamilt. Umilment għamilt tiegħi din il-Fiat u rrepetejt dawn l-istess kliem lil Ġesù malli straħ ġewwa qalbi.

Malli bdiet l-adorazzjoni, l-ispirtu tiegħi nħataf minn presenza aktar qawwija. Ħassejtu ħelu u jġib il-paċi - ħassejtni milqugħ. Ma rajt xejn, iżda leħen ġewwieni ħelu talabni nerħI tliet sitwazzjonijiet partikolari li kienu jirrappreżentaw ħajti kollha. Għalkemm kont konxju mit-talb u l-mużika ta’ l-adorazzjoni, is-sensi tiegħi ġew totalment maħtufa u xejn aktar ma seta’ jiġbidli l-attenzjoni tiegħi. L-esperjenza kompliet tul l-adorazzjoni kollha għax kont qed nikkumbatti mal-Mulej fuq waħda mit-tliet sitwazzjonijiet li kelli nerħi. Fil-fatt, għal mument bżajt li ma kontx se nerħi, imma grazzi lill-grazzja tiegħu, irnexxieli nagħti s-sitwazzjoni lill-Imħabba Divina.

Dawn l-aħħar xhur, kont qed nitlob għall-grazzja tal-abbandun sħiħ fil-Mulej. Kont qed nagħmel kull tip ta’ sforz, iżda kif jgħid is-Salm 127: “Jekk il-Mulej ma jibnix id-dar, għal xejn il-bennejja jaħdmu”. Hemm miktub fl-Iskrittura li l-Mulej qiegħed fil-bieb wieqaf u qed iħabbat. Jekk nisimgħu leħnu u niftħu l-bieb, jidħol għandna u jiekol magħna u aħna miegħu.

Grazzi Mulej għall-grazzji tiegħek kollha, għall-imħabba u l-ħniena mmensa tiegħek; għinni nkun fidil sal-aħħar qatra u nifs.

AF